# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Hamis 15 ta' Novembru 2001**

**Numru 13**

**Avviz numru 1110/01**

**Charles Borg proprio u ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Zo'Diac Furniture ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess**

**vs**

**Anthony u Josette konjugi Ellul**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u ghaxar liri Maltin (Lm310) mitluba mill-attur proprio et nomine rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' diversi bicciet ta' ghamara mibjugha u konsenjati lill-konvenuti mill-attur proprio et nomine fuq inkarigu tal-istess konvenuti. Dan kollu jirrizulta mill-order form annessa mal-avviz u mmarkata Dok A.

Nonostante diversi talbiet ghall-hlas il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsux.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Marzu 1999, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma ipprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema' lil Dr Massimo Vella jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**